

Lussemburgu, 13 ta' Lulju 2026
(OR. en)

10349/26
COR 1

GLOBAL GATEWAY 40	ECOFIN 798
COASI 103	FIN 842
COEST 457	CCG 23
COAFR 177	TRANS 400
MED 29	ENER 381
MAMA 142	ENV 697
COLAC 85	DEVGEN 98
COWEB 85	DIGIT 158
COMPET 745	

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	15 ta' Ġunju 2026
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Global Gateway

Fid-dokument ST 10346/2026 INIT, fil-paġna 3, il-paragrafu 4 għandu jinkludi n-nota ta' qiegħ il-paġna li ġejja:

"4. Il-Kunsill ifakkar li l-istrateġija Global Gateway hija bbażata fuq valuri demokratiċi u standards għoljin, inkluż il-governanza tajba u t-trasparenza, ir-rispett għall-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, is-sostenibbiltà ambjentali u dik soċjali. Jissottolinja wkoll li l-Global Gateway hija implimentata permezz ta' sħubijiet ugwali u ta' benefiċċju reċiproku xprunati mill-ħtiġijiet u l-prioritajiet tal-pajjiżi sħab u li jirriflettu l-interessi strateġiċi tal-Unjoni Ewropea inkluż ir-reġjuni ultraperiferiċi tagħha¹, li bħala reġjuni sħab tal-UE, huma parti integrali mill-UE, u l-pajjiżi u t-territorji ekstra-Ewropej assoċjati mal-UE. Huwa jenfasizza l-ħtieġa li jiġi kkonsolidat

¹ L-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE jirrikonoxxi r-restrizzjonijiet speċifiċi tar-Reġjuni Ultraperiferiċi u jipprevedi l-adozzjoni ta' miżuri speċifiċi f'dan ir-rigward, kif muri mill-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-21 ta' Ġunju 2022 dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni bit-titolu "Inpoġġu lin-Nies l-Ewwel, Niżguraw Tkabbir Sostenibbli u Inklużiv, Nilliberaw il-Potenzjal taż-Żoni Ultraperiferiċi tal-UE".

u jżdzied il-progress sabiex jinkisbu eżiti b'impatt għoli, trasformattivi, sostenibbli u ta' benefiċċju reċiproku għall-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi sħab tagħha."

Fl-istess dokument, fil-paġna 9, il-paragrafu 18 għandu jinkludi n-nota ta' qiegħ il-paġna li ġejja:

"18. Il-Kunsill ifakkar fil-prinċipji ta' Busan dwar l-effettività tal-iżvilupp² tas-sjieda, li jiffokaw fuq ir-riżultati u l-allinjament, it-trasparenza, ir-responsabbiltà reċiproka u s-sħubijiet inklużivi, u jissottolinja l-applikazzjoni tagħhom fil-Global Gateway. Il-Kunsill jenfasizza wkoll il-valur miżjud tal-Global Gateway fl-impenn tiegħu għal finanzjament responsabbli u trasparenti, li jipprovdi offerta sostenibbli li tiżgura vijabbiltà fit-tul u tissalvagwarda lis-sħab kontra l-vulnerabbiltajiet tad-dejn."

² **Kif deskritti mis-Sħubija ta' Busan għal Kooperazzjoni Effettiva għall-Iżvilupp.**